MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-10 ta' Settembru, 2009

Numru 891/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin J.Farrugia)**
**vs**

**MARK (SIVE MARCO) BALDACCHINO**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Mark (sive Marco) Baldacchino, ta’ 25 sena iben John u Rita nee’ Degebriele, imwieled Pieta’, nhar il-10 ta’ Gunju, 1984 u residenti ‘Our Dream’ Triq il-Gardjola Fgura, ta’ karta ta’ l-identita’ 0310184(M).

Billi gie akkuzat talli;

Fil-lejl ta' bejn it-28 t'Awwissu, 2009 u id-29 t'Awissu, 2009 gewwa il-Coast Line Hotel, fi Triq Tul il-Costa, Naxxar, u f'inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer Maltin;

(i) ghamel ingurji u theddid **bil-mewt** lil Sylvana Doris Baldacchino li ghandha numru ta' karta tal-identita' 000783(M), liema theddid mhux imsemmijin band'ohra f'dan il-Kodici jew jekk kien ipprovokat ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni;

(ii) Flimkien ma' thedid lil Sylvana Doris Baldacchino li ghandha numru ta' karta tal-identita' 000783(M) ukoll fil-kaz ta' thedid bil-fomm, ghamel ordni jew kundizzjoni;

(iii) Bl-imgieba tieghu ikkaguna lil Sylvana Doris Baldacchino li ghandha numru ta' karta tal-identita' 000783(M), biza li ser tintuza vjolenza kontrihom, meta hu kien jaf jew missu kien jaf li dik l-imgieba tieghu se tikkagunalhom biza;

(iv) Aktar talli volontarjament kiser il-bon ordni w il-paci pubblika b'ghajjat u glied.

(v) Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni eletronika hedded lil Sylvana Doris li ghandha numru ta' karta tal-identita' 000783(M) li ghandha numrua ta' karta tal-identita' 04674629(M) u ghamel uzu iehor mhux xieraq bih.

(vi) Ghamel hsara volontarja f'propjeta tal-Coast Line Hotel ghad dannu tal-istess Kumpanija u terzi persuni ohra, liema ammont tal-hsara ma jkunx jiskorri elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€ 1,164.69), imam jkun izjed minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€ 116.47).

(vii) Talli ikaguna feriti ta' natura hafifa fuq l-istess Sylvana Doris Baldacchino li ghandha numru ta' karta tal-identita' 000783(M).

Il-Qorti giet mitluba illi fil-kaz ta’ sejbien ta’ htija minbarra u/jew flimkien mal-piena applikabbli, tapplika fil-konfront tal-hati l-ordni ta’ protezzjoni a terminu tal-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta’ Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok BKF1 u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum Dr David Gatt iddikjara li kwantu ghall-parte civile Silvana sive Doris Baldacchino li tigi mart l-imputat u l-istess imputat, is-sitwazzjoni ta’ bejniethom issa ppacifikat ruhha u l-partijiet ghandhom intenzjoni li jergghu jirrisjedu flimkien fid-dar matrimonjali.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur Spettur Kevin J. Farrugia ghall-Prosekuzzjoni, fid-dawl ta’ dak dikjarat fil-verbal tas-Seduta tallum minn Dr. David Gatt ghal parte civile prezenti fl-Awla, iddikjara li l-Prosekuzzjoni ma tinsistix iktar ghat-talba taghha fl-Akkuza sabiex il-Qorti tapplika fil-konfront tal-hati, f’kaz ta’ htija, l-ordni ta’ protezzjoni a terminu tal-Artikolu 412(C) tal-Kodici Kriminali u taghmel tali ordni ta’ protezzjoni, u ghaldaqstant talab lill-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din it-talba b’dan li f’kaz ta’ htija, l-Qorti jekk jidhrilha opportun tapplika dak previst fl-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali.

Inoltre innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li qed jammetti l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat fil-presenza ta' l-Avukat difensur tieghu Dr. Marion Camilleri iddikjara li huwa jobbliga ruhu illi jattendi kors professjonali sabiex ikun assistit biex jeghleb il-problema serja li ghandu ta' alkolizmu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 249, 251B(1), 338(dd), 339(1)(e), 325(b), 221 u 222(1)(a) tal-Kap. 9 u l-artikolu 35A(a) u (c) tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Mark (sive Marco) Baldacchino, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, l-fedina penali tal-imputat u li fis-Seduta tallum Dr. David Gatt iddikjara li kwantu ghall-parte civile Silvana sive Doris Baldacchino li tigi mart l-imputat u l-istess imputat, is-sitwazzjoni ta' bejniethom issa ppacifikat ruhha u l-partijiet ghandhom intenzjoni li jergghu jirrisjedu flimkien fid-dar matrimonjali u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Mark (sive Marco) Baldacchino ghall-piena komplessiva ta' sena prigunerija u tlett mitt Euro (Euro 300) multa u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tlett (3) snin millum l-imputat Mark (sive Marco) Baldacchino jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Il-Qorti, fid-dawl ta' dak dikjarat u mitlub fil-Verbal tas-Seduta tallum mill-Ufficjal Prosekutur Spettur Kevin J. Farrugia ghall-Prosekuzzjoni ghat-talba tal-Prosekuzzjoni fl-Akkuza sabiex il-Qorti tapplika fil-konfront tal-hati, f'kaz ta' htija, l-ordni ta' protezzjoni a terminu tal-artikolu 412(C)

tal-Kodici Kriminali u taghmel tali ordni ta’ protezzjoni, kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din it-talba.

Inoltre il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, torbot lill-imputat Mark (sive Marco) Baldacchino b’obbligazzjoni personali ta’ hames t’elef Euro (Euro 5000) li zjomm il-kwiet ma’ Sylvana Doris Baldacchino u li jzomm il-bonordni pubbliku ma’ kulhadd ghal zmien tnax (12) il-xahar millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Mark (sive Marco) Baldacchino l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------